# 8

# Qawmien u Ritmu Ġdid wara l-Gwerra

Il-ħajja f'Malta fl-ewwel diċennji wara t-Tieni Gwerra Dinjija xejn ma kienet feliċi. Għalkemm kienu waqfu l-attakki mill-ajru u magħhom inqatgħu l-feruti, l-imwiet u t-tiġrif, imma pajjiżna kien għadu mifni b'għadd ta' problemi qodma u oħrajn ġodda. Ir-refuġjati Maltin kienu għadhom spalparjati; min baqa' fejn mar u min iddeċieda li jirritorna fejn kien qabel il-gwerra. Dan kompla ġab taħlit soċjali li ġab fix-xejn sekli sħaħ ta' differenza bejn il-Maltin tal-ibliet u dawk tal-kampanja. Il-kultura u l-mentalità kollettiva u individwali nbidlet qatigħ u f'qasir żmien. Il-ħerba ta' tant bini mġarraf, in-nuqqas ta' xogħol fit-tarznari, popolazzjoni li bdiet tikber, l-emigrazzjoni tal-massa li bdiet tirranka għal-livell ta' eżodu u r-rankatura politika għall-futur ta' Malta integrata mar-Renju Unit jew inkella indipendenti u sovrana huma xi wħud mid-dilemmi l-kbar li kellha tħabbat wiċċha magħhom Malta min-nofs is-snin erbgħin sas-sittinijiet. Magħhom irridu nżidu t-taħbit tal-politiċi Maltin biex jiksbu l-fondi tal-*Marshall Plan* għar-rikostruzzjoni tal-pajjiż wara t-tifrik tal-gwerra, it-tibdiliet u l-kriżijiet kostituzzjonali u, evenentwalment, il-ġlieda politika-reliġjuża li faqqgħet bejn il-Partit Laburista u l-Knisja.

Dan il-kuntest storiku huwa importanti biex wieħed jifhem ukoll l-isfond tat-tmexxija tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù minn wara l-gwerra sas-snin sittin. F'dan il-kapitlu se nkunu qegħdin niffokaw l-aktar fuq it-tiswijiet fl-Oratorju li kellhom isiru minħabba l-gwerra, l-iżviluppi loġistiċi u operazzjonali li komplew isiru fih, il-bidliet fid-Diretturi tiegħu u l-qagħda fi ħdanu fi żmien l-hekk imsejjaħ 'tad-dnub il-mejjet'. Dawn il-ġrajjiet huma mifruxa fuq medda ta' għoxrin sena, jiġifieri bejn l-1944 u l-1966.

## Bidliet fid-diretturi

Dun Karm Sciberras li kien ilu Direttur tal-Oratorju mill-1922, kien issa laħaq arċipriet tal-Mosta. Ħa l-pussess ta' ragħaj parrokkjali fil-25 ta' Jannar 1943 u għaldaqstant kien f'dik is-sena li ġie avviċinat Dun Anton Muscat (1911-1999) biex jidħol hu minfloku bħala Direttur tal-Oratorju. Dun Salv Magro (1993) jgħid li 'Dun Karm baqa' jieħu ħsieb l-Oratorju sakemm ħa riedni tal-parroċċa f'idejh'. Dun Anton Muscat (ara

l-profil tiegħu f'Appendiċi D), qassis Mosti li kien diġà midħla ta' għadd ta' għaqdiet reliġjużi u lajkali, daħal għal din il-biċċa xogħol b'impenn u għaqal. L-Oratorju kien għadu ġdid fjamant, imma nieqes minn ħafna elementi loġistiċi bażiċi. Fuq kollox kien hemm bżonn ta' tiswijiet immedjati minħabba l-ħsarat li sofra mit-tfigħ tal-bombi tal-ajru kif għad naraw aktar 'il quddiem f'dan l-istess kapitlu. Minbarra dan, Dun Anton issokta bl-operat normali tal-Oratorju, inkluż it-tagħlim tad-duttrina u l-ħajja fl-għaqdiet Oratorjani, partikularment il-*boy scouts* u l-Azzjoni Kattolika li reġgħu ħadu r-ruħ wara l-isfrattu tal-gwerra. Huwa dam imexxi l-Oratorju għal xi erba' snin, sakemm fl-1947 id-direzzjoni tal-Oratorju għaddiet f'idejn Dun Pawl Calleja (1909-1995). Ara l-profil tiegħu f'Appendiċi E. Dun Pawl ġab fl-Oratorju l-abbozz ta' Santa Marija li kien sar minn Ċensu Apap wara li immedjatament wara l-gwerra kien sar it-tibdil mill-qiegħ fuq l-istatwa oriġinali tas-Sartx li kienet saret fl-1868. Hawnhekk mhux se nidħol fil-kontroversja jekk dan il-proġett kienx sewwa jew le. Hawn jinteressana biss kif u x'fatta l-abbozz tqiegħed fl-Oratorju fejn għadu sal-lum.

> Wara l-gwerra sar it-tibdil tal-istatwa titulari. Dun Pawl Calleja ried li l-abbozz *life size* [li ħadem Ċensu Apap] iġibuh fl-Oratorju. Kienu tefgħuh f'xi rokna f'waħda mill-kmamar tad-duttrina fejn imbagħad għamilna l-biljard. Meta mbagħad ġie Dun Anġ ħolom li jagħmel *reading room* fis-sagristija u ried li l-abbozz imur hemm. L-istatwa kienet tqila ħafna, imma ġarrejnieha għax konna gaj tajjeb. U rranġajnieha fuq pedistall. U hemm għadha sal-lum. (Abel Galea, 2015)

Meta kellmuni dwar Dun Pawl Calleja, l-aktar l-*old boys* anzjani, qaluli li għadhom jiftakruh 'jtella' s-suttana u jiġi magħna jilgħab il-futbol; konna nkunu xi mitt tifel nilagħbu fil-grawnd'. Oħrajn semmewli kemm kien iħaddan id-dixxiplina, tant li mhux l-ewwel darba li laqtu xi ħatfa mingħandu jew rawh jaħbat għal xi tifel imqareb, imqar għax ikun tkellem ma' sieħbu waqt xi purċissjoni! Kien ukoll ipejjep ħafna, nervuż u ta' dixxiplina kbira (Salvinu Muscat, 2015).

Hawn irridu nsemmu wkoll il-kontribut siewi u twil li kompla jagħti Dun Salv Sammut li baqa' jaqdi dmiru bħala Assistent Ekkleżjastiku tal-Ġuvintur Azzjoni Kattolika fl-Oratorju. Kien hu li reġa' fforma din l-għaqda wara l-gwerra u kabbar in-numru ta' membri fis-snin ta' wara. Dwar Sun Salv, Giovanni Demartino jgħid hekk,

> Niftakar ukoll lil Dun Salv Sammut, Ta' Kennier, li kellu oħtu sinjora tal-iskola. Taħt idejh l-Oratorju beda jieħu r-ruħ u billi dak iż-żmien ftit li xejn kien hawn postijiet ta' divertiment, l-Oratorju kien ikun dejjem imballat bi tfal u żgħażagħ ta' kull età. Subien biss, naturalment. (Giovanni Demartino, 2014)

Anki Dun Anġ Camilleri stess kiteb dwar sehem Dun Salv Sammut fl-Oratorju,

> Lil Dun Salv, sa minn tfuliti, dejjem niftakru l-istess. Qassis kwiet, spiritwali, idur mat-tfal u l-ġuvintur ħalli jara jsibx xi vokazzjoni... Dun Salv hu isem fuq xufftejn ta' ħafna, jew kif insibuha bl-Ingliż, '*a household name*'. (DAC, 1985: 8)

Induru lura għal Dun Pawl Calleja. F'dik l-istess ħabta meta kien qiegħed iservi ta' Direttur tal-Oratorju, Dun Pawl Calleja inħatar ukoll vigarju kurat tal-parroċċa tal-Mosta peress li l-Arċipriet Dun Karm Sciberras kien qiegħed isofri minn mard kiefer u minħabba f'hekk ma setax ikompli jmexxi l-parroċċa. L-aħħar snin ta' ħajtu, Dun Karm għaddihom irtirat f'daru bħala pazjent pupletiku sakemm waslitlu s-siegħa biex minn dan il-wied tad-dmugħ jemigra għall-ħajja ta' dejjem. Din is-siegħa ġrat nhar it-23 ta' Mejju 1950 meta kien għad kellu 57 sena. Kien sarlu funeral kommoventi u, kif xieraq, kellu s-sehem ta' ħafna mit-tfal tal-Oratorju. Gregory Caruana ta' 74 sena, għadu jiftakar tajjeb il-jum tal-funeral,

> Ħaduna fejn il-knisja ta' Sant Anton fejn kien joqgħod Dun Karm. Kienu poġġewh ġo tebut fil-kamra ta' barra u għadni qed inġibu quddiem għajnejja mejjet f'tebut miftuħ. Imbagħad inżilna korteo għall-knisja arċipretali. Konna mxejna t-tfal kollha tal-Oratorju fil-korteo dakinhar. In-nies bkietu lil Dun Karm għax kienet taf li ta ħajtu għat-tfal u ż-żgħażagħ tal-Mosta. (Gregory Caruana, 2015)

Hekk intemmet il-ħajja ta' dan il-pijunier tal-Oratorju fil-Mosta. 21 sena minn ħajtu qattagħhom bħala Direttur meta mexxa b'ħila u żelu l-kostruzzjoni ta' wieħed mill-akbar ċentri taż-żgħażagħ f'Malta. Fil-kappella tal-Oratorju nsibu żewġ tifkiriet f'ġieħu; l-ewwel, il-bust fuq kolonna maġenb il-bieb ta' barra u t-tieni, pittura minuri mal-ġenb lemini fuq il-bieb prinċipali. Kif kiteb tajjeb J.J. Camilleri fl-innu ddedikat għal dan il-bniedem kbir u saċerdot ħabrieki,

> Ma jnissux is-snin li jgħaddu
> Il-qalb it-tajba, l-irġulija
> 'l min b'imġibtu kien ix-xempju
> tad-dħulija u l-qdusija.

Il-lirika sħiħa tal-Innu f'ġieħ Dun Karm Sciberras tinsab f'Appendiċi Ċ.

Minn naħa tiegħu, Dun Pawl Calleja baqa' jmexxi l-Oratorju għal kważi għaxar snin bejn l-1947 u l-1956 (*Il-Mosta* 113, 1985: 3), meta mbagħad daħal fix-xena Dun Anġ Camilleri (1930-2009) li baqa' jservi ta' Direttur għal 49 sena (1956-2005). Ara l-profil ta' Dun Anġ Camilleri f'Appendiċi D. Grafika 8.1 telenka b'mod viżiv id-diversi saċerdoti li servew bħala diretturi tal-Oratorju mit-twaqqif tiegħu fl-1914 sas-sena 2016 meta qiegħda tiġi ppubblikata din ir-riċerka. It-tagħrif tad-diretturi li ġew wara Dun Anġ jingħata f'kapitlu 15.

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
- LIBRARY SERVICES -

**Grafika 8.1: Id-diretturi tal-Oratorju bejn 1914 u 2016**




*Mario Thomas Vassallo, 2016*

Hemm rabta kbira bejn Dun Karm Sciberras li bena l-Oratorju qabel il-gwerra u Dun Anġ Camilleri li mexxa l-Oratorju wara l-gwerra. Dwar din ir-rabta kien kiteb Dun Anġ stess,

> Il-ħidma pastorali tiegħu [Dun Karm Sciberras] tispikka fil-ħidma tiegħu mat-tfal u għat-tfal. Għalihom ħabrek biex akkwista art kbira biżżejjed mingħand il-Patrijiet Agostinjani u fuq din l-art bena kumpless sħiħ; kappella fejn it-tfal jinġabru kull nhar ta' Ħadd għall-quddiesa tagħhom. Dak iż-żmien il-quddiesa kienet bil-Latin u kien jieħu l-paċenzja biex jittraduċi bil-Malti l-Vanġelu u jqabbad tifel li maż-żmien kellu jkun saċerdot u wieħed mis-suċċessuri tiegħu, biex jaqrah bil-mod u bis-sens. Fl-aħħar tal-ispjega dejjem kien ipoġġi domanda u risposta għal xi diffikulta morali. (*Il-Mosta* 151, 1993: 3)

It-tifel msemmi hawn fuq ma kien ħadd għajr Dun Anġ Camilleri. Taħt il-gwida ta' Dun Anġ, fl-Oratorju saru żviluppi strutturali kbar mis-snin sittin 'il quddiem, imma dwar dawn il-proġetti nitkellmu f'kapitlu 9. Għalissa se niffokaw iżjed fuq il-personalità qawwija ta' Dun Anġ billi se nħalli f'idejn xi wħud minn dawk li intervistajt.

> Jien kont nafu anki bħala seminarista. Hu kien fl-aħħar sena u jien kont għadni dieħel fl-ewwel sena tiegħi s-seminarju. Dun Anġ baqa' jgawdi l-innoċenza ta' tfulitu tul ħajtu kollha. Tant hu hekk li kien diffiċli biex jara xi ħaġa ħażina. Riedet tkun xi ħaġa direttament kontra l-prinċipji tiegħu biex jgħoddha b'ħażina, imma l-bqija f'kollox kien jipprova jara t-tajjeb. Kien addattat għal mat-tfal. Qassis sempliċi li jifraħ b'affarijiet żgħar. (Mons. Joe Carabott, 2015)

> Naħseb li kulħadd jaqbel miegħi jekk ngħid li kien Dun Anġ, Dun Anġ iż-żgħir, li ħalla l-ikbar marka fuq dan l-Oratorju. L-Oratorju ta' Dun Anġ! L-ewwel nett huwa dam ħafna u ħafna snin jorqod u jqum hemm. Ħafna iżjed minn ħaddieħor u allura kellu iżjed ċans li jgħin liż-żgħażagħ... Kellu fidi enormi fil-providenza t'Alla tant li meta tkun tkellmu taħseb li qed tkellem tifel. Meta ġieli rrimarkajtlu fuq l-ispejjeż li jrid biex jagħmel din jew dik, kien jitbissem, iħares 'il fuq, ipoġġi jdejh fuq spallti u, bl-ikbar fidi u bl-ikbar innoċenza kien jgħidli, 'Il-Bambin jipprovdi, Giovann!'. (Giovann Demartino, 2014)

> Dun Anġ huwa Dun Bosco tal-Mosta. B'danakollu kien bniedem ta' fehmtu. Jekk ikollok idea li ma taqbilx ma' tiegħu, kont tirrokka bil-kbir. Kien jaf iżomm iebes, għalkemm maż-żmien beda jerħi. Trid tiftakar li Dun Anġ kien il-persuna permanenti fl-Oratorju, waqt li aħna ż-żgħażagħ fil-kumitati tal-għaqdiet konna ninbidlu minn żmien għal żmien. Din kienet id-dinamika fit-tmexxija tal-Oratorju. (Joe Galea, 2015)

> Kieku Dun Anġ iġġibu fi żmienna kien ikollu problema. Imma għal żmienu, Dun Anġ kien *leader* tajjeb ħafna. Kien jaf jiġbed lin-nies, jgħix l-vanġelu u jirradja l-valuri nsara li huma fuq kollox valuri umani. Kien jaf jiddelega fl-organizzazzjoni u jipprattika l-*emotional intelligence*. Kulħadd kien jarah bħala awtorità, punt fiss ta' referenza. Il-ġenituri kellhom moħħhom mistrieħ b'Dun Anġ għax kien jaf jiġborna u jorganizzana. (Joe Tanti, 2015)

Dwar Dun Anġ tal-Oratorju, kif kien u baqa' magħruf, qaluli ħafna affarijiet sbieħ li mhuwiex possibbli li nikkwotahom kollha minħabba limitazzjoni ta' spazju. Dwar l-istil ta' tmexxija tiegħu ntqal ħafna wkoll u l-impressjonijiet ta' dawk intervistati jvarjaw skont iż-żmien li matulu kienu jattendu fl-Oratorju. Altru Dun Anġ żagħżugħ tas-snin sittin u sebgħin, altru Dun Anġ adult fit-tmeninijiet u l-bidu tad-disgħinijiet u altru Dun Anġ xwejjaħ u fraġli mal-qalba tal-millennju. Għalkemm qatt ma biddel il-prinċipji għax baqa' sod fil-fidi, iżda l-istil tat-tmexxija tiegħu evolva mal-mogħdija tas-snin. Iżjed tagħrif u esperjenzi dwar Dun Anġ insibuh fil-kapitli li jmiss, imma għalissa se nkomplu naraw x'kienet is-sitwazzjoni fl-Oratorju wara l-gwerra.

## Tiswijiet u żviluppi loġistiċi

Kif rajna fil-kapitlu preċidenti, l-Oratorju sofra numru ta' ħsarat waqt attakk mill-ajru nhar id-19 ta' Jannar 1942 (Anthony Camilleri, 1990). Għalkemm ma sofriex bombi diretti fuqu, imma xorta ġarrab ħsarat konsiderevoli minn xi bombi li waqgħu fil-misraħ ta' quddiemu. Fl-arkivju tal-Oratorju sibt il-kontijiet oriġinali li kellhom jitħallsu fil-bqija tas-snin erbgħin ta' wara l-gwerra sabiex tkun irranġata l-ħsara kkaġunata mill-bombi tal-għadu. It-tiswijiet bdew isiru fi żmien Dun Karm Sciberras, għalkemm kollox jindika li l-ħsarat issewwew kollha meta Dun Pawl Calleja kien sar Direttur tal-Oratorju. Tabella 8.1 turi l-lista ta' spejjeż li jien ikkumpilajt mill-irċevuti u l-kontijiet li sibt. Tajjeb nirrimarkaw li dawn l-ispejjeż, eventwalment, kollha ġew rifonduti mill-fond tal-*War Damage* li għamel tajjeb għal tant ħsarat li ġarrbu l-binjiet privati u pubbliċi f'Malta u Għawdex matul is-snin tal-gwerra.

**Tabella 8.1: Spejjeż tal-Oratorju mitluba mill-*War Damage Fund***

| Tip ta' xogħol | Pagament dovut lil | Spiża | |
|---|---|---|---|
| | | *Liri sterlini* | *Cents* |
| Żbarazzar ta' *debris* | Pietru Calleja | 7 | 15 |
| Ħġieġ | Gio Batta Abela | 38 | 07 |
| Twieqi tal-Ħadid | Anġ Sciberras | 34 | 00 |
| Xogħol ta' ħaddied | Vinċenzo Calleja | 285 | 00 |
| Madum | - | 23 | 00 |
| Xogħol tal-injam fuq il-bieb prinċipali | - | 191 | 00 |
| Ħġieġ ieħor | Anthony Magri | 4 | 17 |
| Xogħol ta' mastrudaxxa | Luigi Pirotta | 38 | 06 |
| *Supplies* | Salv Sammut | 8 | 17 |
| Rifużjoni ta' spejjeż varji | Dun Karm Sciberras | 258 | 00 |
| Xogħol ieħor fl-injam | Joseph Agius | 32 | 16 |
| Żebgħa | - | 12 | 00 |
| Dekorazzjoni | - | 58 | 06 |
| Konsulenza | Inġ Cousin | 7 | 00 |
| **Total** | | **995** | **84** |

*Sors: Arkivju tal-Oratorju – Rapporti Finanzjarji ta' wara l-gwerra*

L-ekwivalenti tas-somma totali (£995.84) fi spejjeż assoċjati biex tissewwa l-ħsara tal-gwerra fil-munita ewro hija ta' €1,361.81. Kienet somma fenominali għal dak iż-żmien.

Minbarra dan ix-xogħol ta' tiswija, f'dan il-perjodu beda jinħass il-bżonn ta' diversi xogħlijiet bażiċi oħrajn biex l-Oratorju jkun jista' jiffunzjona bl-aħjar mod. Ngħidu aħna, l-Oratorju kien għad ma kellux sistema ta' drenaġġ peress li kien għadha titħaddem is-sistema l-antika bil-fossa. Dan ix-xogħol sar fi żmien Dun Pawl Calleja bħala Direttur. Joe Bartolo (Ta' Spir) kienu għadu daqsxejn ta' tifel meta fil-bidu tal-ħamsinijiet kien jakkumpanja lil missieru fit-tqegħid tal-katusi tad-drenaġġ,

> L-Oratorju, niftakru jien, lanqas drenaġġ ma kien hemm. Fil-ħamsinijiet kien missieri li flimkien ma' Ta' Ġanon u missier Franġisk il-Musrun daħħlu d-drenaġġ hemm ġew. Kienu jaħdmu l-Ħdud, iqattgħu t-trinek u jgħaddu l-katusi. Kont immur ma' missieri ta' tifel li kont. Minn dakinhar inġbidt lejn l-Oratorju u meta kbirt xorta bqajt nagħmel ħafna xogħol hemm, speċjalment xogħol ta' kisi, tibjid u kulfejn kien jitlob xogħol ta' sogru fil-għoli. Għax-xogħol tal-idejn, Dun Anġ kien jemmen bija u bi Fre l-Mastrudaxxa. (Joe Bartolo, 2015)

L-esperjenza ta' Joe Bartolo hija kkolaborata minn dak li qalli Abel Galea,

> Fil-bidu meta dħalna u bdejna nużaw l-Oratorju, sibna li t-*toilet* ma kienx imqabbad mad-drenaġġ ewlieni li kien hemm fit-triq. Allura l-arċipriet sabilna grupp ta' baqquniera voluntiera biex iħaffru kanal mit-tarf tal-grawnd sa nofs it-triq. Il-baqquniera kienu jiġu jagħmlu sagħtejn xogħol nhar ta' Ħadd filgħodu. Dun Pawl aktarx kien ikun iservi l-Knisja u jien kont nieħu *over*. Jien kont nieħu ħsieb biex nipprovdilhom xi tazza te u biċċa kejk. Xħin lestew il-kanal, tpoġġiet medda katusi u fl-aħħar medda tpoġġa l-madum fil-wiċċ. Dan ix-xogħol sar fil-passaġġ li mill-kanċell ta' barra jwassal sal-bieb prinċipali tas-sala, jew teatrin kif konna nsibuh aħna dak iż-żmien. (Abel Galea, 2015)

Minbarra l-introduzzjoni tas-sistema tad-drenaġġ, inqalgħu wkoll faċendi oħrajn li kien hemm bżonnhom bħall-ħobż biex ikunu mtejba l-faċilitajiet Oratorjani. Fost dawn insemmu x-xogħlijiet li saru wara l-gwerra mill-ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika kemm fil-grawnd tal-futbol u wkoll fis-sala teatrali.

> Wara d-duttrina, aħna l-ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika u xi ħbieb tagħna konna nilagħbu xi partita futbol *six-a-side*. Imma l-wiċċ tal-grawnd kien imħarbat wisq u kien hemm ħafna rqajja' ta' blat 'l hawn u 'l hinn. Mimlijin b'ħafna entużjażmu, rajna kif għamilna u ssellifna xi bqaqen. Imbagħad b'ħafna tbatija u b'idejna li saru kollha nfafet irnexxielna nqaxxru dan il-blat... In-naħa ta' Wied il-Għasel kien hemm dik li konna ngħidulha 'l-kamra tal-Gvern'. Hemmhekk kienu jinġabru l-ħaddiema tat-toroq. Fil-kamra kienu jżommu l-għodod u dak kollu li kienu jinħtieġu għat-tiswija tat-toroq li sa dak iż-żmien kienu kollha għadhom ġebel u trab. Dawn it-toroq biss - Triq il-Kbira, Triq il-Kostituzzjoni u Triq il-Kungress Ewkaristiku - kienu bl-asfalt jew qatran. Mela, minn din il-kamra tawna ramel biżżejjed biex nagħtu wiċċ ġdid lill-grawnd tal-Oratorju. Iddubbajna wkoll romblu tal-idejn. Hekk, min ixarrab ir-ramel, min jiġbed ir-romblu, il-grawnd ħa wiċċ ġdid u sabiħ għal dak iż-żmien fejn it-tfal kienu iqattgħu ħin twil jilagħbu għal qalbhom.
>
> Meta ġie Dun Anġ bħala Direttur bdejna wkoll nagħmlu l-ħġieġ u niżbgħu l-bibien. U tajna salt lis-sala. Irranġajna s-siġġijiet. Konna bdejna nbidlu s-sistema tad-dawl. Lanqas plakka ma kien hemm. Imkien. Qlajna kollox u għamilna kollox ġdid. Dun Anġ jixtrilna l-affarijiet m'għand *Calleja* ta' Birkirkara u aħna ninstallaw. Għaddejna l-kondjuwit tal-ħadid biex ninstallaw id-dawl fuq il-palk. Domna tliet snin naħdmu fis-sala. Kollox bl-idejn. Bl-għodda konna naqtgħu l-kamini. Fuq il-palk għamilna ħafna festuni bil-bozoz imdendla 'l isfel. Konna naħdmu s-sibtijiet u ħafna drabi naħdmu bil-lejl. Kien hemm teatru f'San Pawl il-Baħar u għalaq. Dun Anġ kien xtara s-siġġijiet u l-*projector second hand* minn hemm. Konna ndaħħlu x-xelini mill-biljetti biex tidħol għat-teatrin. Anki t-tubi fil-kappella aħna konna daħħalniehom. Biex niġbru l-flus għall-ispejjeż konna nagħmlu fiera fil-grawnd. Allura Dun Anġ kien jaqbad lil xi ħadd minna biex isuqlu karettun żgħir, idur il-ħwienet u jittallab xi ħaġa biex imbagħad intellgħuhom lotterija. Tas-sold xelin kienet popolari ħafna. Kollox għall-Oratorju. Li kien iqabbadna Dun Anġ, konna nagħmluh. (Abel Galea, 2015).

Meta s-sala ġiet attrezzata aħjar b'sistema ġdida ta' dwalijiet, aktar kumpaniji teatrali Mostin u barranin bdew jużawha biex itellgħu l-produzzjonijiet tagħhom (ara Kapitlu 12.3). Mad-drammi u l-fares, inżidu wkoll il-wiri tal-films. Charles J. Falzon għarrafni b'innovazzjoni oħra li saret fi żmienu biex iżidu fl-introjtu għall-Oratorju,

> Meta daħħalna d-dawl fis-sala, l-attività fi tmiem il-ġimgħa żdiedet sew u aktar nies bdew jippakkjaw is-sala għad-drammi u l-films. Kien f'dan iż-żmien li introduċjena l-*hot dogs* mill-bar tal-Oratorju. Konna nixtru z-zalzett u l-fażola fil-laned il-kbar u nixtru wkoll il-bziezen friski. Konna nbigħuhom waqt ir-reċti u l-films. (Charles J. Falzon, 2015)

Hekk, bil-ftit il-ftit, kienet timtela l-ġarra tal-Oratorju biex malajr malajr terġa' tiżvojta biex jitħallsu l-kontijiet dejjem telgħin. Imma bil-providenza t'Alla, bil-perseveranza tad-Diretturi u bil-volontarjat taż-żgħażagħ, l-Oratorju rnexxielu jirkupra mill-isfrattu tal-gwerra, ikompli jistagħna fil-faċilitajiet u r-riżorsi u jiġbed lejh aktar tfal u żgħażagħ Mostin. Fit-taqsima li jmiss se nħallu warajna l-ispejjeż u l-proġetti, u niffukaw fuq l-użu tal-Oratorju bħala post ta' duttrina u skola wara l-gwerra sal-bidu tas-snin sittin.

## Skola u duttrina wara l-gwerra

Kif rajna f'kapitlu 7, l-esiġenzi tal-gwerra kienu l-kaġun il-għala l-Oratorju beda jintuża bħala skola primarja wkoll. Bil-kontra ta' dak li jaħsbu ħafna, l-Oratorju ma ntużax bħala skola matul is-snin tal-gwerra biss (1940-1943), imma anki għal xi snin immedjati ta' wara. Dwar hekk, kellimni Gregory Caruana,

> L-iskola elementari baqgħet fl-Oratorju. Baqa' jintuża hekk anki wara l-gwerra. Ma kienx hemm ħafna klassijiet. Xi tlieta jew erbgħa biss. Jien kont wieħed mit-tfal li attendejt l-iskola fl-Oratorju wara l-gwerra. (Gregory Caruana, 2015)

Għalkemm wara l-gwerra bdiet terġa' terfa' rasha sew ir-realtà tal-emigrazzjoni tal-massa li żvojtat ħafna mill-familji Mostin u Maltin, dan kien żmien ukoll il-famuż *baby boom*. Wara l-gwerra r-rata tat-twelidijiet kibret b'rata fenominali madwar id-dinja kollha, inkluż ukoll f'Malta. Il-Mosta ma kinitx eċċezzjoni. Grafika 8.2 turi b'mod grafiku l-mod ta' kif bdiet tikber il-popolazzjoni fil-Mosta meta mqabbla mas-snin ta' qabel il-gwerra. Minbarra l-fenomenu tal-*baby boomers*, hawn irridu nżidu wkoll li mis-snin sebgħin 'il quddiem bdew jinbtu l-oqsma tad-djar (il-*housing estates*) fil-periferija tal-Mosta li attiraw lejhom bosta familji minn barra r-raħal. L-ewwel inbena dak f'Ta' Mlit, imbagħad telgħu l-oħrajn f'Sant Andrija, Santa Margerita, il-Blata l-Għolja u rqajja' oħrajn. Dan kompla wassal għal żieda drastika fil-popolazzjoni Mostija.

**Grafika 8.2: Il-popolazzjoni tal-Mosta bejn 1901 u 2014**




*Sors: L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika*

Huwa f'dan il-kuntest demografiku li jrid jiftiehem il-għala l-Oratorju ntalab għal darba, darbtejn, tlieta oħra biex iservi ta' skola wara l-gwerra. Minbarra fis-snin immedjati ta' wara l-gwerra, l-Oratorju serva wkoll ta' skola fil-bidu tas-sebgħinijiet meta kienet estiża l-iskola sekondarja għal kulħadd (Dun Anġ, 1995: 5). Il-klassijiet tad-duttrina li kienu laħqu nbnew fit-tieni sular, fuq in-naħa tax-xellug, kienu bdew jaqdu l-funzjoni ta' skola wkoll. Abel Galea kien wieħed minn dawk responsabbli f'dak iż-żmien, filwaqt li Agnes Falzon kienet waħda mill-għalliema li għallmet fl-Oratorju f'dik il-ħabta.

> Meta kont bdejt ngħallem jien, ġie l-*inspector* Carbonaro u kellem lis-surmast għax riedu xi klassijiet oħra fl-Oratorju. It-tfal bdew jiżdiedu għax kien hawn il-bum tat-tfal wara l-gwerra. Is-surmast irreferieh għandi għax iċ-ċwievet kienu jkunu għandi. U morna u wrejtu l-Oratorju. Fil-fatt ħaduh għal xi tliet snin, erbgħa. Kien iservi ta' *annex* tal-iskola primarja tal-Mosta. Sadattant kienu bdew ikabbru l-iskola, fuq in-naħa ta' wara. (Abel Galea, 2015

> Kont mitluba ngħallem l-Oratorju bħala *annex* tal-iskola. Domt ftit xhur għax hemm konna ħames klassijiet u bħala għalliema konna erbat irġiel u jien. Is-surmast Farrugia kien xi ftit duttur u x'ħin ra li kont mara waħdi, allura tani *transfer* lura l-iskola. (Agnes Falzon, 2015)

Wara din l-esperjenza kien hemm darb'oħra meta l-Oratorju ntalab mill-Ministeru tal-Edukazzjoni biex iservi ta' skola f'nofs is-snin disgħin għall-istess raġuni taż-żieda fil-popolazzjoni, tant li l-iskola primarja ma baqgħetx tlaħħaq mad-domanda. Madankollu dan ma kellux iseħħ, imma dwar dak li ġara dakinhar nitkellmu f'kapitlu 9. Għalissa se nkomplu billi nixħtu ħarsitna fuq il-kontinwazzjoni tal-Oratorju bħala post ta' katekeżi wara l-gwerra.

B'konformità mal-missjoni ewlenija tiegħu, l-Oratorju baqa' għaddej sena wara sena bil-formazzjoni reliġjuża tat-tfal bi tħejjija għas-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof. Sal-1950 kienet baqgħet il-prattika antika li dawn iż-żewġ sagramenti jkunu rċevuti fl-istess jum, tal-ewwel kmieni filgħodu u t-tieni, waranofsinhar. Fis-snin ta' wara bdiet tikber id-differenza fl-età bejn meta wieħed jirċievi l-ewkaristija u meta jsir 'suldat ta' Kristu'. Tabella 8.2 turi l-istatistika tat-tfal subien li tressqu għall-Griżma fl-ewwel erbatax-il sena wara l-gwerra (1944-1958). L-1958 hija l-aħħar sena li huma miġbura r-rekords tad-duttrina fl-arkivju tal-Oratorju; mis-sena ta' wara r-rekords bdew jinżammu ċentralment fl-arkivju parrokkjali. It-tabella msemmija tindika wkoll li mill-1949 'il quddiem l-età medja tal-Griżma ġiet standardizzata għal seba' jew tmien snin. Ngħidu wkoll li t-tagħlim tad-duttrina f'dawn is-snin kien għadu esklussivament isir fit-tmien klassijiet t'isfel peress li s-sular ta' fuq kien għadu ma nbeniex.

**Tabella 8.2: Statistika tas-subien tal-Oratorju li rċevew il-Griżma tal-Isqof (1944-1958)**

<table>
<tr><th>Sena</th><th>Numru ta' subien</th><th>Varjazzjoni tal-etajiet (Snin)</th><th>Etajiet l-aktar komuni (Snin)</th><th>Amministratur tal-Griżma</th></tr>
<tr><td>1944</td><td>97</td><td>7-10</td><td>7, 8, 9</td><td>Mons. Emanuel Galea, Vigarju Ġen.</td></tr>
<tr><td>1945</td><td>86</td><td>7-11</td><td>7, 8</td><td>Mons. Emanuel Galea, Vigarju Ġen.</td></tr>
<tr><td>1946</td><td>101</td><td>7-9</td><td>7</td><td>Mons. Mikiel Gonzi, Arċ. ta' Malta</td></tr>
<tr><td>1947</td><td>80</td><td colspan="2" rowspan="2">ma tniżżlux etajiet</td><td>Mons. Mikiel Gonzi, Arċ. ta' Malta</td></tr>
<tr><td>1948</td><td>87</td><td>Mons. Emanuel Galea, Vigarju Ġen.</td></tr>
<tr><td>1949</td><td>57</td><td>7</td><td>7</td><td>Mons. Mikiel Gonzi, Arċ. ta' Malta</td></tr>
<tr><td>1950</td><td>60</td><td>7</td><td>7</td><td>Mons. Mikiel Gonzi, Arċ. ta' Malta</td></tr>
<tr><td>1951</td><td></td><td colspan="3">Ma hemmx rekords ta' din is-sena</td></tr>
<tr><td>1952</td><td>135</td><td colspan="2" rowspan="7">Ma baqgħux jitniżżlu etajiet peress li l-età tal-Griżma ġiet standardizzata fl-età ta' 7 jew 8 snin</td><td>Mons. Emanuel Galea, Vigarju Ġen.</td></tr>
<tr><td>1953</td><td>169</td><td>Mons. Mikiel Gonzi, Arċ. ta' Malta</td></tr>
<tr><td>1954</td><td>101</td><td>Mons. Emanuel Galea, Vigarju Ġen.</td></tr>
<tr><td>1955</td><td>99</td><td>Mons. Mikiel Gonzi, Arċ. ta' Malta</td></tr>
<tr><td>1956</td><td>88</td><td>Mons. Mikiel Gonzi, Arċ. ta' Malta</td></tr>
<tr><td>1957</td><td>116</td><td>Mons. Mikiel Gonzi, Arċ. ta' Malta</td></tr>
<tr><td>1958</td><td>99</td><td>Mons. Mikiel Gonzi, Arċ. ta' Malta</td></tr>
</table>

Sors: *Registro Conferma e Prima Comunione, Oratorio S. Cuor di Gesù*

Ir-reġistru tad-Duttrina fl-arkivju tal-Oratorju hemm ukoll miżmuma d-dettalji tat-tfal bniet li, tal-anqas bejn l-1948 u l-1959, attendew il-klassijiet tal-katekeżi fl-Oratorju tas-subien. Għalkemm huma mniżżla bħala '*alumini dell' Oratorio Immacolata Concezione*', il-bniet tħejjew għas-sagramenti fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù peress li kien għad fadal ħafna żmien x'jgħaddi biex l-Oratorju tal-bniet imur fis-sala parrokkjali sakemm imbagħad, f'nofs is-sebgħinijiet, infetaħ l-Oratorju Marija Immakulata fejn nafuh illum fi Triq it-Torri. Tabella 8.3 tagħti l-istatistika ta' kemm bniet tressqu għas-sagramenti wara li tgħallmu fl-Oratorju tas-subien bejn l-1948 u l-1959. Hawn ta' min wieħed jirrimarka li kemm fl-istatistika tas-subien u kemm fl-istatistika tal-bniet ma hemm ebda ismijiet għas-sena 1951. Għandna għax nifhmu li f'dik is-sena partikolari, għal xi raġuni, ma ġietx amministrata l-Griżma tal-Isqof.

**Tabella 8.3: Statistika tal-bniet tal-*Oratorio Immacolata Concezione* li ħadu l-Griżma tal-Isqof (1948-1959)**

| Sena | Numru ta' bniet | Amministratur tal-Griżma |
|---|---|---|
| 1948 | 83 | Mons. Emanuel Galea, Vigarju Ġenenerali |
| 1949 | 47 | Mons. Mikiel Conzi, Arċisqof ta' Malta |
| 1950 | 65 | Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta |
| 1951 | Ma hemmx rekords ta' din is-sena | |
| 1952 | 175 | Mons. Emanuel Galea, Vigarju Ġenerali |
| 1953 | 124 | Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta |
| 1954 | 109 | Mons. Emanuel Galea, Vigarju Ġenerali |
| 1955 | 93 | Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta |
| 1956 | 96 | Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta |
| 1957 | 95 | Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta |
| 1958 | 88 | Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta |
| 1959 | Lista mhix kompluta | Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta |

Sors: *Registro Conferma e Prima Comunione, Oratorio S. Cuor di Gesù*

Fuq id-duttrina se nieqfu hawn. F'kapitlu 10 nerġgħu nġibu din it-tema għad-diskussjoni billi naraw xi żviluppi loġistiċi, tematiċi u stilistiċi seħħew fit-tagħlim tal-katekiżmu mis-snin sebgħin 'il quddiem. Sadattant fl-aħħar taqsima li jmiss f'dan il-kapitlu se nitrattaw id-dellijiet li ħalliet il-battalja politika-reliġjuża tas-snin sittin fuq l-Oratorju.

## L-impatt tal-battalja politika-reliġjuża fis-sittinijiet

Fil-ħamsinijiet il-politiċi Maltin bdew bis-serjetà jistaqsu lill-poplu x'se jkun id-destin ta' Malta. Il-Partit Laburista ħareġ bl-għajta tal-*Integration* fejn il-Maltin jingħaqdu bħala parti integrali mir-Renju Unit u jibdew igawdu d-drittijiet kollha bħall-bqija taċ-

ċiitadini Brittaniċi. Wara li din l-għażla falliet f'referendum, il-Partit Nazzjonalista li tela' fil-gvern fl-1962 beda jaħdem biex iġib l-Indipendenza għal pajjiżna bil-patt li l-bażi militari u navali tal-kolonizzatur xorta kellha tibqa' hawn għal xi snin. Dan ġab miegħu ħafna fermenti politiċi u kien f'dan il-perjodu tant deċiżiv li l-polarizzazzjoni politika ħadet ix-xeħta tagħha kif nafuha llum. B'danakollu l-ġrajja għad-destin politiku u ekonomiku ta' Malta ma kinitx l-istorja kollha.

> Sa mill-1960 'il quddiem, bdiet isseħħ bidla fostna li l-Ingliżi ma kinux interessati fiha, li l-Arcisqof Gonzi lanqas xammha ġejja u li l-Perit Mintoff sab ruħu protagonist tagħha kważi kważi mingħajr ma jaf: is-sekularizzazzjoni tas-soċjetà Maltija. Mintoff, ta' opportunist li kien, ma tilifx l-okkażjoni. Malajr rikeb fuq il-mewġ tagħha. Bl-Arċisqof Gonzi jilgħab f'idejh, sfrutta b'ħila politika u b'sengħa strateġika kull sitwazzjoni li ġiet għal għonq triqtu ħalli jgħaġġel jibda jnissel l-istat sekulari Malti. Tassew, dan il-ħsieb ma kienx l-għan ewlieni f'moħħ il-Perit Mintoff. L-ideal tiegħu kien li jsaħħaħ l-ekonomija ta' Malta li fuq is-sisien tagħha biss seta' pajjiżna jkollu ġejjieni garantit. Bl-iskop ta' dan, għal mill-anqas għaxar snin qabel tela' fil-gvern, huwa żarma lill-Knisja, l-iprem kenn tal-konservattiżmu, mis-setgħa morali li kellha għal sekli sħaħ u, wara r-rebħa elettorali tal-1971, żarmalha wkoll il-bażi legali u ideoloġika li fuqha kienet isserrah dik is-setgħa. (Mark Montebello, 2010)

L-introduzzjoni tal-istat sekulari msejjes fuq is-separazzjoni bejn il-ħwejjeġ tal-istat u dawk tal-knisja ġab miegħu l-battalja politika-reliġjuża bejn il-Partit Laburista fuq naħa u l-Knisja, flimkien mal-għaqdiet tagħha, fuq in-naħa l-oħra. L-irjus saħnu sew fuq kull naħa u eventwalment il-Knisja imponiet d-dnub il-mejjet fuq dawk li kienu jappoġġjaw lill-Partit Laburista. Fl-awtobijografija tiegħu, Oliver Friggieri jitkellem dwar dan il-perjodu diffiċli minn lenti ta' adoloxxent ta' xi ħmistax-il sena li fil-bidu tas-sittinijiet kien għadu membru tal-MUSEUM.

> Kien żmien tal-laqgħat kbar, mimlijin entużjażmu, tal-'Ġunta', li kienet il-kumitat ċentrali tal-għaqdiet reliġjużi tal-lajċi. Konna niltaqgħu b'eluf kbar, kemm tfal u kemm adulti, u ngħajtu favur Gonzi u kontra Mintoff, inkantaw u nistennew id-diskorsi mqanqla biex ninfexxu nċapċpu. Minn dawk ir-*rallies* kollha niftakar frażi ta' Gonzi li qalha waqt diskors lill-folla fuq il-Fosos: "Għaddew il-ħames snin u ż-żgħażagħ baqgħu miegħi!". Miegħu, jew mal-Knisja, xi ħaġa hekk. Dak hu s-sens. Żmien qabel, kif kienu qalulna, Mintoff qal li ż-żgħażagħ kellhom ikunu miegħu fi żmien ħames snin. U issa, għalhekk, aħna konna qegħdin inkantaw, b'kantaliena li għadni niftakarha: "Għaddew il-ħames snin u bqajna mal-Arċisqof! Għaddew il-ħames snin..." U nirrepetuha bil-kant, nirrepetuha sakemm negħjew. Naħseb li l-melodija kienet mibnija fuq dik li t-tfal kienu jkantaw waqt li jilagħbu l-'Onġi Onġi Onġella'. (Oliver Friggieri, 2008: 202)

Din kienet is-sitwazzjoni f'Malta fis-snin sittin. Sitwazzjoni li ġabet uġigħ li għadu xi drabi jinħass fuq kull naħa. Ma jistax jonqos li bħala ċentru ewlieni tal-Knisja fil-Mosta, l-Oratorju ma jkunx ukoll affettwat minn dawn l-iżviluppi fix-xena politika. Meta faqqgħet din il-battalja, Dun Anġ kien diġà assuma r-rwoli ta' Direttur tal-Oratorju

u ta' Assistent Ekkleżjastiku tal-fergħa tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika tal-Mosta. Qallibt fil-minuti tal-kumitati biex nara nsibx xi referenzi għal dan il-perjodu tant jaħraq fl-istorja politika u reliġjuża ta' pajjiżna. L-ewwel referenza diretta tinsab imniżżla fil-minuti tas-seduta tas-26 ta' Awwissu 1961 meta nkiteb hekk,

> Fuq direttiva tal-Giunta Djoċesana waqqafna grupp ta' tliet *active leaders* li ħadu ħsieb jaraw ir-reġistru elettorali. (Minuti ĠAK, 26/8/1961)

Ma hemm ebda indikazzjoni ta' x'sar wara dan l-eżerċizzju, għalfejn sar, x'kien l-eżodu u kif intużat l-informazzjoni miġbura. It-tieni referenza tinsab fil-minuti tas-seduta tat-28 t'Ottubru 1961,

> Għas-siegħa ta' adorazzjoni u pellegrinaġġ bi tpattija għall-insulti tal-M.L.P, attendew il-membri kollha. (Minuti ĠAK, 18/10/1961)

Fil-ktieb tal-minuti tal-ĠAK hemm ukoll *press cutting* minn *The Times of Malta* tad-29 ta Mejju 1961 dwar attività organizzata miċ-Ċirkolu tal-Azzjoni fis-sala tal-Oratorju u li għaliha attendew iżjed minn 300 żagħżugħ,

> *He* [Fr Emvin Busuttil] *emphasized the importance of thorough instruction and recommend to the youths present to join religious societies as these were the places of correct instruction. He then touched on the present conflict between the Church and the Labour Party. Fr Busuttil reminded the youths that at Confirmation they became soldiers of Christ, and it was their duty to defend Him whenever He is attacked. (The Times of Malta, 29/5/1961)*

Mill-bqija ma sibtx wisq aktar, għajr għal ħafna referenzi ta' attendenza f'attivitajiet ekkleżjali fejn kien mgħallem it-tagħlim soċjali tal-knisja, inkluż dak dwar ix-xogħol, il-familja, id-divertiment u l-istat. Bil-ħsieb li nkun naf aktar dwar l-impatt tal-battalja politika-reliġjuża fuq l-Oratorju, tkellimt ma' xi *old boys* li għexu dawk iż-żminijiet. Kellimt kemm lil dawk bi twemmin Laburista u kemm dawk li jżommu mal-Partit Nazzjonalista bl-iskop li nesplora ż-żewġ naħat tal-munita. Mhux kollha qablu eżatt bejniethom fuq x'kienet l-atmosfera f'dik il-ħabta, waqt li oħrajn qaluli li ma jiftakrux jew insew x'kien ġara. Madankollu, kif jixhdu l-kwotazzjonijiet li ġejjin, joħorġu numru ta' xeħtiet, esperjenzi u impressjonijiet komuni.

> Dun Anġ kien iwissi biex ma mmorrux fir-rassa. Kien ikun qiegħed jirreferi għall-*meetings* tal-*Labour*. Imbagħad, bla ma qaluli, kienu kitbuni fl-Azzjoni meta kbirt u ma bqajtx fl-età tal-Għaqda tal-Istudenti. Kont irrabjajt u tlaqt. Kien hemm il-biċċa xogħol tal-politika u r-reliġjon dak iż-żmien, u ma bqajtx nersaq 'l hemm. (Jimmy Mifsud, 2015)

> Meta kont se nibda niffrekwenta l-Oratorju kienet faqqgħet il-ġlieda politika-reliġjuża. Fl-Oratorju inħasset ukoll. Dun Anġ kien jaf fejn kien iħabbat il-polz politiku taż-żgħażagħ li kellu madwaru. Il-Laburisti xorta baqgħu jiġu l-Oratorju imma, ma tafx kif, dejjem kienu

jġorru timbru fuqhom. Uħud għażlu li jitilqu u ma jiġux aktar. Għalkemm kien jaf x'jien, Dun Anġ ġieli bagħat ma' xi ħadd jistaqsi għalija fil-każin tal-*Labour*. (Joe Bartolo, 2015)

Niftakar darba lil Dun Anġ jaqbad lil xi ħadd li kien magħruf bħala minn ta' familja Laburista u jaħbat għalih. Dun Anġ kien akkanit għal dak kollu li kellu x'jaqsam mal-knisja. L-akkaniżmu tiegħu kien frott il-lealtà u l-imħabba tiegħu għall-knisja bħala saċerdot, imma mhux b'malizzja kontra n-naħa l-oħra. Però qatt ma kien hemm xi impediment biex il-Laburisti joħorġu għall-kumitat tal-Azzjoni. Naf ħafna Laburisti li kienu attivi ferm fl-Oratorju f'dawk iż-żminijiet u anki wara. (Joe Fenech, 2015)

Dellijiet tal-politika kien hemm. *Under the surface*, imma qatt *in the open*. Minn taħt l-ilsien, kien ikun hemm għajdut, 'Imma dak ma' min? Magħna jew magħhom? U mbagħad tibda tara l-klikek. *It was unfortunate*, għax imbagħad iġġib il-firda. Il-battalja ma nħassitx daqshekk għax Dun Anġ ma kienx jesiġi li aħna mmorru għall-*meetings* tal-Ġunta. Din swiet ta' ġid għax qatt ma nħolqot xiżma. Issa jekk kien hemm uħud li riedu jmorru bis-sfafar taħt l-Umbrella, għamlu hekk minn rajhom. Ma kienx isir konfront bejn dawk ta' Gonzi u ta' Mintoff fl-Oratorju. (Charles J. Falzon, 2015)

Is-sitwazzjoni fl-Oratorju jidher li sserjat xi ftit aktar meta f'nofs din il-battalja kien sar *meeting* tal-*Labour* fil-wesgħa ta' quddiem il-kappella ta' Sant Anton Abbati, litteralment ftit passi bogħod mill-Oratorju. Il-ġranet immedjati ta' wara l-*meeting* kienu aktar drammatiċi mis-soltu, skont kif irrankontawli tliet *old boys* oħra.

L-għada li jkun għamel *meeting* Mintoff konna mmorru niskonġraw il-post biex speċi nkeċċu x-xjaten li jkun ħalla warajh. Darba minnhom għamel *meeting* in-naħa tal-pjazza ta' quddiem Sant Anton u l-għada morna niskonġraw biex inneħħu l-ispirti ħżiena. Hekk kienu jgħidulna. (Alessio Scicluna, 2015)

Naf bi tnejn żgur tal-Azzjoni li marru għal *meeting* tal-*Labour* ħdejn Sant Anton u kienu tkeċċew. Ftit wara meta konna *Callus Street* biex nagħtu l-enveloppijiet tal-istrina tal-Oratorju, ħarġet omm wieħed minnhom tgħajjat li mhux se ttina flus għax it-tifel ma messux tkeċċa, imma messu ġie mwissi u kkoreġut. Ħlief għal dik id-darba, qatt ma niftakar li kellna *clashes* kbar. (Emidio Scicluna, 2015)

Il-kwistjoni politika-reliġjuża kienet tidher, imma Dun Anġ, għalkemm kien konservattiv, irnexxielu jżomm kontroll. Jien u xi erbgħa minn sħabi, li konna wkoll dilettanti tal-palk, konna morna għall-*meeting* tal-*Labour* fil-pjazza ta' Sant Anton. Kien il-bidu tas-sittinijiet. U ġejna rrapportati. Dun Anġ kien kellimna kollha u keċċa lil tnejn minna [ismijiet provduti imma miżmuma mill-awtur]. Imma lili u lil Karmnu Gatt (tal-Kumpanija), Alla jagħtih il-glorja tal-ġenna, ma keċċiniex. Mill-bqija qatt ma rajt għajn ħażina. Fuq kollox il-Mosta konna mberkin dak iż-żmien u għal ħafna snin wara għax kellna żewġ deputati ġentlomi mill-kbar nett fuq kull naħa tal-Parlament u t-tnejn kienu midħla sewwa tal-Oratorju: l-Onor. Freddie Micallef u l-Onor. Lawrence Gatt. (Gregory Caruana, 2015)

Iż-żmien isajjar il-bajtar u mal-mogħdija tas-snin, il-Knisja neħħiet id-dnub il-mejjet minn fuq is-simpatizzanti Laburisti, il-*Malta Labour Party* kkontesta u rebaħ l-elezzjoni tal-1971 u maż-żmien iddaħħlu iżjed riformi istituzzjonalizzati biex jirfdu s-separazzjoni bejn knisja u stat. It-tifkiriet ta' dan il-perjodu melodrammatiku fuq l-Oratorju ntesew fi ftit snin u qisu qatt ma kien xejn. Semmejna din il-battalja hawn għal raġuni waħda biss - biex nippreżentaw l-istorja sħiħa u kompluta tal-Oratorju tul dawn l-aħħar mitt sena. B'ebda mod ma rridu nifthu feriti qodma jew noħolqu kontroversji ġodda fuq li kien kien.

## Konklużjoni

Hekk naslu fi tmiem ta' tappa oħra importanti fl-istorja tal-Oratorju, il-perjodu ta' wara l-gwerra sa nofs is-sittinijiet. Kien perjodu ta' bosta tibdil u sfidi ġodda b'konsegwenza ta' fatturi ġeopolitiċi, soċjali u ekonomiċi li bdew jinbidlu b'rata iżjed ħarkiena. Matulu, id-direzzjoni tal-Oratorju għaddiet minn taħt idejn erba' diretturi differenti (Sciberras, Muscat, Calleja u Camilleri) u kellhom isiru u jitħallsu l-kontijiet kollha marbuta mal-ħsarat tal-gwerra. Ma' dawn, l-Oratorju kellu jaddatta ruħu biex jkompli jislef il-faċilitajiet tiegħu bħala *annex* tal-iskola u, fl-istess waqt, iżid fir-rankatura tat-tagħlim tad-duttrina kemm lis-subien u kif ukoll lill-bniet. Finalment kellu jħabbat wiċċu mar-realtà iebsa tal-kunflitt bejn il-Perit Dom Mintoff u l-Arċisqof Mikiel Gonzi. Bil-grazzja t'Alla u bil-għaqal ta' dawk li mexxewh, l-Oratorju rnexxielu jegħleb dawn l-isfidi kollha. Anzi, aktar minhekk, dawwarhom f'opportunitajiet ġodda kif għad naraw fil-kapitli li fadal. Intant il-pass li jmiss se jlaqqagħna max-xita ta' proġetti strutturali li saru taħt id-direzzjoni ta' Dun Anġ Camilleri fuq medda ta' kważi ħamsin sena (1959-2005). Dawn il-proġetti kienu essenzjali mhux biss għax taw karattru ġdid lill-Oratorju, kif ħafna minna jafuh, imma għax kienu strumentali biex setgħu jsiru ħafna attivitajiet minn tant għaqdiet differenti.